*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,542, 2 ta' Frar, 2010*
*Taqsima B*

**A.L. 57 tal-2010**

**ATT DWAR IL-PORTIJIET U L-BASTIMENTI (KAP. 352)**

**Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(3) u 27 tal-Att dwar il-Portijiet u l-Bastimenti, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u flimkien mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2008 dwar Bastimenti Żgħar, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 183 tal-2008.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-10 ta' Novembru, 2009.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ii) ta', jew iżjed minn, 30 H.P., fl-1 ta' Jannar, 2011; u

(iii) ta' mhux iżjed minn 30 H.P., f'dik id data li l-Ministru jista' jordna."; u

(b) minflok il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subregolament (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(b) li jiġu regolati l-attivitajiet ta' divertiment marbutin mal-baħar fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta; u

(ċ) li tiġi regolata ż-żamma tal-bonordni f'kull parti tal-ibħra interni u territorjali ta' Malta.".

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**4.** It-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-partita "Nuqqas ta' avviż fiż-żmien stipulat ta' xi modifikazzjoni lill-bastiment żgħir jew xi bidla fid-dettalji tar-reġistrazzjoni.........€100" għandu jiġi mħassar; u

(b) il-partita "Bdil fil-proprjetà tal-bastiment żgħir mhux avżat fiż-żmien stipulat.........€200" għandu jiġi mħassar.

“L-EWWEL SKEDA
(Regolament 12)

1. Għar-reġistrazzjoni ta’ bastiment żgħir:

(a) fejn il-bastiment żgħir m’għandux magni ................................XEJN

fejn il-bastiment żgħir għandu magna jew magni li flimkien għandhom qawwa ta’:

(b) mhux iżjed minn 9.9 H.P. ......................................................€ 50.00

(ċ) iżjed minn 9.9 H.P. iżda mhux iżjed minn 25 H.P...................€ 50.00

(d) iżjed minn 25 H.P. iżda mhux iżjed minn 50 H.P....................€ 50.00

(e) iżjed minn 50 H.P. iżda mhux iżjed minn 75 H.P....................€ 50.00

(f) iżjed minn 75 H.P. iżda mhux iżjed minn 150 H.P..................€ 50.00

(g) iżjed minn 150 H.P. ...............................................................€ 50.00

Għall-ewwel reġistrazzjoni ta’ bastimenti żgħar oħra:

Bastimenti żgħar tas-sajd reġistrati mid-dipartiment responsabbli għas-sajd u l-akwakultura ...................................................XEJN

2. Biex tiġġedded ir-reġistrazzjoni fis-sena, jew kif xort’oħra indikat, ta’ bastiment żgħir:

(a) fejn il-bastiment żgħir m’għandux magni (meta ma jaqbiżx it-tul totali ta’ 3.65 metri)..........................................................XEJN

(b) fejn il-bastiment żgħir m’għandux magni (meta jaqbeż it-tul totali ta’ 3.65 metri), kull ħames snin..............................................€ 10.00

fejn il-bastiment żgħir għandu magna jew magni li flimkien għandhom qawwa ta’:

(ċ) mhux iżjed minn 9.9 H.P., kull ħames snin .............................€ 10.00

(d) iżjed minn 9.9 H.P iżda mhux iżjed minn 25 H.P.....................€ 20.00

(e) iżjed minn 25 H.P. iżda mhux iżjed minn 50 H.P....................€ 30.00

(f) iżjed minn 50 H.P. iżda mhux iżjed minn 75 H.P....................€ 80.00

(g) iżjed minn 75 H.P. iżda mhux iżjed minn 150 H.P..................€ 100.00

(h) iżjed minn 150 H.P. ...............................................................€ 140.00

3. Għal kull bdil fid-dettalji reġistrati u kull stampar mill-ġdid ta’ ċertifikat, liċenzja jew permess..........................................................€ 10

4. Biex tinħareġ liċenzja nawtika biex jinsaq bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur.......................................................................................€ 23.29

5. Biex tinħareġ liċenzja nawtika ta’ għalliem tal-iskijar ...................€ 69.88

6. Biex tinħareġ liċenzja fis-sena biex titmexxa skola tal-iskijar jew post mnejn jinkrew bastimenti żgħar:

(a) għat-tħaddim ta’ skijar u/jew *paragliding* ...............................€ 174.70

(b) għall-kiri ta’ bastimenti żgħar li jaħdmu bil-mutur..................€ 174.70

(ċ) għall-kiri ta’ bastimenti żgħar li ma jaħdmux bil-mutur..........€ 58.23

7. Biex tinħareġ liċenzja fis-sena għall-kiri ta' bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur jew biex jintuża bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur minn skola tal-iskijar....................................................................€ 11.65".

**L.N. 57 of 2010**

# PORTS AND SHIPPING ACT
# (CAP. 352)

## Small Ships (Amendment) Regulations, 2010

IN exercise of the powers conferred by articles 4(3) and 27 of the Ports and Shipping Act, the Minister for Infrastructure, Transport and Communications, in consultation with the Authority for Transport in Malta and in concurrence with the Minister of Finance, the Economy and Investment, has made the following regulations:

**1.** (1) The title of these regulations is the Small Ships (Amendment) Regulations, 2010 and they shall be read and construed as one with the Small Ships Regulations, 2008, hereinafter referred to as "the principal regulations".

Citation and commencement.

L.N. 183 of 2008.

(2) These regulations shall be deemed to have come into force on the 10th of November, 2009.

**2.** Regulation 1 of the principal regulations shall be amended as follows:

Amends regulation 1 of the principal regulations.

(a) for sub-paragraph (ii) of paragraph (b) of sub-regulation (2) thereof, there shall be substituted the following:

"(ii) of, or exceeding, 30H.P., on the 1st of January, 2011; and

(iii) not exceeding 30H.P., on such date as the Minister may prescribe."; and

(b) for paragraphs (b) and (c) of sub-regulation (3) thereof, there shall be substituted the following:

"(b) to regulate water based recreational activities in the internal and territorial waters of Malta; and

(c) to regulate the preservation of good order in any part of the internal and territorial waters of Malta.".

**3.** For the First Schedule to the principal regulations, there shall be substituted the First Schedule to these regulations.

Substitutes the First Schedule to the principal regulations.

Amends the Third Schedule to the principal regulations.

**4.** The Third Schedule to the principal regulations shall be amended as follows:

(a) the item "Failure to give notice within the stipulated period of any modification to the small ship or any change in the details of registration.........€100" shall be deleted; and

(b) the item "Change of ownership of a small ship not notified within the stipulated period.........€200" shall be deleted.

"FIRST SCHEDULE
(Regulation 12)

1. For the registration of a small ship:

(a) where the small ship has no engines........................................NIL

where the small ship has an engine or engines with a combined power:

(b) not exceeding 9.9 H.P. ..........................................................€ 50.00

(c) exceeding 9.9 H.P. but not exceeding 25 H.P...........................€ 50.00

(d) exceeding 25 H.P. but not exceeding 50 H.P...........................€ 50.00

(e) exceeding 50 H.P. but not exceeding 75 H.P...........................€ 50.00

(f) exceeding 75 H.P. but not exceeding 150 H.P.........................€ 50.00

(g) exceeding 150 H.P. ................................................................€ 50.00

For the initial registration of other small ships:

Small fishing ships registered with the Department responsible for fisheries and aquaculture..................................................NIL

2. For the annual renewal, or as otherwise indicated, of registration of any small ships:

(a) where the small ship has no engines (not exceeding 3.65 metres in length overall....................................................................NIL

(b) where the small ship has no engines (of and exceeding 3.65 metres in length overall), every five years.......................................€ 10.00

where the small ship has an engine or engines with a combined power:

(c) not exceeding 9.9 H.P., every five years.................................€ 10.00

(d) exceeding 9.9 H.P but not 25 H.P. ...........................................€ 20.00

(e) exceeding 25 H.P. but not 50 H.P. ...........................................€ 30.00

(f) exceeding 50 H.P. but not 75 H.P. ...........................................€ 80.00

(g) exceeding 75 H.P. but not 150 H.P. .........................................€ 100.00

(h) exceeding 150 H.P. ................................................................€ 140.00

3. For any change in the registered details and any reprint of a certificate, licence or permit....................................................................€ 10

4. For the issue of a nautical licence to drive a mechanically driven small ship .........................................................................€ 23.29

5. For the issue of a nautical licence to act as a skiing instructor ........€ 69.88

6. For the issue of an annual licence to operate a water skiing school or a small ship hire outlet:

(a) to operate water skiing and/or paragliding...............................€ 174.70

(b) to hire any mechanically driven small ships ............................€ 174.70

(c) to hire any small ships not mechanically driven.......................€ 58.23

7. For the issue of an annual licence for the hire of a mechanically driven small ship or for the use of a mechanically driven small ship by a water skiing school ...............................................€ 11.65”.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

**Prezz/*Price***
**€0.37**